MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru 55/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Vella talli f'dawn il-gzejjer, mill-fond "Obsessions", sitwat f' numru 13, Triq is-Suq ir-Rabat, Ghawdex, nhar il-25 ta' Lulju, 2002, ghal-habta tal-11.00am:-

1. xjentement ghamel uzu ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi, ADIDAS, NIKE, FERRARI, GUCCI, CARTIER u CK li kien fihom indikazzjonijiet li setghu jqarrqu lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal

deskrizzjoni kommercjali falza, jew qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, hwejjeg, arloggi u numru ta’ brieret b’ marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra, u cioe` hwejjeg, arloggi u numru ta’ brieret bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-ligi jew taht il-ligi ta’ Malta; u

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm miftuh il-fond “Obsessions” sitwat f’numru 13, Triq is-Suq, Rabat, Ghawdex, liema fond huwa post kummercjali, meta huwa m’huwiex id- detentur dwar tali post mhux licenzjat mill-awtorita` regolatorja;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Jannar, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Francis Vella hati skond l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, izda lliberatu mit-tielet imputazzjoni, u, b’applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9, ikkundannatu multa komplessiva ta’ elfejn lira maltin (Lm2000) (illum Ewro erbat elef sitt mija u tmienja w hamsin, u erbgha w sebghin centezmu – E4658.74); dik il-qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti kollha ezibiti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francis Vella, minnu prezentat fil-15 ta’ Frar 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti tal-partijiet; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw; ikkunsidrat:

L-ewwel (**1**) aggravju ta’ l-appellant huwa, bazikament, li l-ewwel qorti malament applikat l-Artikoli 299 u 300 tal-Kap. 9. Huwa jikkontendi li l-Artikolu 300 ma ghandu x’jaqsam xejn f’dan il-kaz, u li dik il-qorti ma applikatx, kif kellha

taghmel, l-Artikolu 302. Skond l-appellant, kieku applikat din id-disposizzjoni, b'referenza ghall-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 298(1), hu kellu jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni. It-tieni (**2**) aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li anke jekk l-ewwel imputazzjoni kellha tigi ezaminata taht il-paragrafu (c) ta' l-imsemmi Artikolu 298(1), hu irnexxielu, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata, jinnewtralizza l-presunzjoni tal-att doluz (Art. 299). It-tielet (**3**) aggravju – li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni – hu maghmul jikkonsisti filli l-unika kwerela li giet prodotta kienet dik tad-ditta NIKE; u li fi kwalunkwe kaz ma giex pruvat l-element formali (dak li l-appellant isejjahlu, l-element "intenzjonali") tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali[1]. L-ahhar (**iv**) aggravju hu fis-sens li li l-multa imposta kienet wahda iebsa wisq ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Dan il-kaz jirrigwarda numru ta' *T-shirts* (12), brieret (13) u arloggi ta' l-idejn (24) kollha bi *brand name*. Irrizulta bhala fatt li l-marki, emblemi u sinjali tal-isem tad-ditti – Adidas, Ferrari, Nike, Cartier, fost ohrajn – kienu kollha foloz, fis-sens li dawn l-oggetti ma kienux verament manufatturati minn dawn id-ditti rinomati. Jibda biex jinghad li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, l-appellant Vella jinsab azzukat bir-reat kontemplat fil-paragrafi (c) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 298 tal-Kap. 9. Dan ifisser li, kif gustament huwa jilmenta, l-Artikolu 300 citat mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha huwa rrelevanti, in kwantu dina d-disposizzjoni tirreferi ghal paragrafi ohra ta' l-imsemmi subartikolu (1) tal-Artikolu 298. Dan l-ispropozitu ta' l-ewwel qorti, pero`, ftit li xejn jista' jghin lill-appellant f'dana l-appell, u dan peress li din il-Qorti hi tal-fehma li fi

---

[1] Ta min jinnota hawn, a skans ta' ekwivoci, li l-appellant jghid li l-element materjali tar-reat kontemplat fl-Artikolu 298B gie ppruvat mill-prosekuzzjoni; huwa biss l-element intenzjonali, skond hu, li ma giex hekk sodisfacentement pruvat: "…ghalkemm irnexxielha tipprova l-element materjali, il-prosekuzzjoni ma renexxielha b'ebda mod tipprova l-element intenzjoni [recte: intenzjonali] ta' l-imputat fir-rigward tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu." Dan qed jinghad in vista ta' dak deciz minn din il-Qorti fir-rigward ta' l-Artikolu 298B fis-sentenza tas-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Gaudenzio Borg*** (ara wkoll, ghal dawk li huma l-elementi tar-reat in dizamina, is-sentenza, ukoll ta' din il-Qorti, fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. William Mock u Anton (Anthony) Savasta*** deciza fit-22 ta' Ottubru 1999). Jigi precizat ukoll – dan dejjem ghal kull buon fini biss, peress li ma hemm ebda aggravju da parti ta' l-appellant Vella f'dan ir-rigward – li minn meta gew decizi z-zewg sentenzi hawn aktar 'l fuq indikati, cioe` ta' Borg u ta' Mock, il-Kap. 196 tal-Ligijiet ta' Malta gie sostitwit bil-Kap. 415.

kwalunkwe kaz huwa ma renxxielux jeghleb -- imqar fuq bazi ta’ probabbilita` -- il-prezunzjoni kontenuta fl-Artikolu 299 (dan ghar-rigward tal- paragrafu (c) imsemmi) jew li jipprova fuq bazi ta’ probabbilita` t-tlett rekwiziti tal-Artikolu 302 (ghar-rigward tal-paragrafu (f)). In fatti il-qofol ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju huwa jekk l-appellant kienx jaf li dawk il-marki, sinjali u emblemi fuq l-oggetti li huwa jammetti li xtara mis-suq ta’ Catania kienux foloz, u mhux (kif donnu jipprova jghid ghar-rigward tat-tielet aggravju) jekk hu kienx jaf li ma setax ibiegh dawk l-oggetti hawn Malta – jekk hu ma kienx jaf li ma setax ibiegh dawk l-oggetti f’Malta, dak huwa zball ta’ dritt u, kif inhu risaput, *ignorantia legis neminem excusat.* L-appellant – li meta tressaq akkuzat bir-reati in dizamina kellu sitta w tletin sena, kien jahdem ta’ *security officer* fl-Isptar Ghawdex, u kien ghadu kif beda negozju zghir f’Ghawdex – ammetta fil-kontro-ezami tieghu tal-25 ta’ Jannar 2006[2], abbilment kondott mis-Supretendent Alexandra Mamo, li hu kien xtara l-imsemmija oggetti mill-“monti” ta’ Catania u ghall-prezzijiet irrizorji minnu indikati: it-*T shirts* bil-prezz ta’ zewg liri maltin il-wahda (li Malta kien qed ibigehhom bil-prezz ta’ Lm7) u l-arloggi ghal lira w nofs, zewg liri (li kien qed joffriehom ghall-bejgh ghall-prezz ta’ Lm9)[3]. Issa, ebda bniedem f’sensieh – u l-appellant ma hu b’ebda mod qed jikkampa xi difiza taht il-Kap. 262, l-Att dwar is-Sahha Mentali – ma jista’ jghaddilu mill-antiporta ta’ mohhu li jista’ jixtri oggetti originali tad-ditti aktar ‘l fuq imsemmija bil-prezz ta’ lira w nofs jew zewg liri. Isegwi neccessarjament li, indipendentement minn kull presunzjoni li tista’ tohloq il-ligi, huwa kien jaf li dawk l-oggetti kienu foloz. Anqas jista’ jinghad, kif diga` gie osservat, li huwa ssodisfa r-rekwiziti ta’ l-Artikolu 302 – bis-semplici fatt li huwa ddikjara l-oggetti li kien xtara meta dahal Malta u anke hallas dazju fuqhom ma jfissirx li huwa “ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu” (f), apparti l-fatt li hu ma setax hlief kien jaf li l-marka jew sinjal fuq l-oggetti ma kienux veri.

[2] Fol. 129 *et seq.*
[3] Fol. 134.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju u l-fatt li l-unika kwerela – ghall-finijiet ta' l-Artikolu 298B – hija dik maghmula a nom tad-ditta Nike International Ltd (fol. 13), dan hu certament minnu. B'daqshekk, pero`, ma jfissirx li l-appellant ghandu jigi liberat mit-tieni imputazzjoni fir-rigward ta' oggetti partikolari. It-tieni imputazzjoni hi redatta f'termini generici, fis-sens li jekk l-appellant kisirx l-Artikolu 298B fir-rigward tad-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna wahda jew aktar jista' jkollu relevanza biss ghall-finijiet ta' piena, izda mhux ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija skond dik it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tosserva li l-piena ghar-reati taht l-Artikolu 298 hija dik ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena, u l-ewwel qorti erogat piena pekunjarja flok dik karcerarja biss b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. Il-piena erogata hija certament fil-parametri tal-ligi meta wiehed iqis il-pieni ghaz-zewg reati li taghhom l-appellant instab hati – l-Artikoli 298 u 298B. Dawn ir-reati huma reati li, sfortunatament, sa issa gie li gew trattati b'certa leggerezza u manjanimita` minn kulhadd, inkluz forsi anke mill-Qrati. Izda dawn huma wkoll reati li jaghmlu hsara konsiderevoli f'suq hieles, mhux biss billi jqarrqu bil-konsumatur izda wkoll billi jimminaw il-fiducja pubblika f'ditti stabbiliti fis-suq. Kollox ma' kollox, ghalhekk, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------